# Bullettin Leġjunarju 2/2026 Marzu - April 2026

**Il-Permanance ta' Lourdes. X'tinvolvi din il-ħidma?**

Il-'Permanance' hu ċentru ta' informazzjoni fejn leġjunarji li jitkellmu b'lingwi differenti jassistu l-pellegrini li jżuru s-Santwarju. Kull min imur jgħidlek li meta tmur hemm, ġewwa Lourdes, għal din l-esperjenza t'appostolat iħoss ferħ interjuri u dan mhux biss waqt il-purċissjonijiet! U la darba tmur tkun trid tibqa' tmur.

Il-grupp li jmur il-Permanance tal-Lourdes ikollu saċerdot miegħu li kuljum iqaddes għall-grupp. Jitolbu wkoll l-uffiċċu tal Madonna u ssir fil-qosor laqgħa tal-Leġjun.

Il-ħidma t' appostolat tinkludi l-ħruġ tnejn tnejn għall-kuntatti bejn l- 10.00am u l-12.00pm u mill- 5.00pm sas-7.00pm. Dan isir fit-toroq, fejn l-istazzjon tal-ferrovija, fejn ix-xmara u lejn is-Santwarju. Żewġ leġjunarji jerfgħu l-bandalora tal-Leġjun fil-purċissjoni tas-Sagrament u tnejn oħra jerfgħu il-Vexillum għall-purċissjoni tad-9.00 pm.

Ħidma fil-Permanance ta' Lourdes isservi wkoll bħala tħejjija għall-PPC.




**PPC 2026**
**Peregrinatio Pro Christo**
**Bil-Malti, 'Nivvjaġġaw Għal Kristu'**

L-ewwel proġett 2026 bejn l-20 u s-27 ta' Marzu dan isir f' Palermo fi Sqallija,

Ippjanat ukoll: Ruma u Birmingham.

**INFAKKRU** li kull Curia hi mistennija li jkollha koordinatur bejn il-Kumitat u l-Curia. Jonqos, tal-Curiae Sultana tal-Ewkaristija, Omm u Għalliema, Sultana tal-Paċi, u Marija Bambina.

**Kuntatt: (Sr) Lourdes Aquilina - 2165 8473**

**Korrespondenti: - Ħidma mal-Pajjiżi li Malta hi responsabbli għalihom.**

- **Syria** - Għadu ma ġiex stabbilit kuntatt ieħor.
- **Albania -** Żjara mill-korrespondenti tagħna, ta' erbat ijiem, mill-1 ta' Mejju.
- **Greċja** - M'hemmx pjanijiet ta' żjarat għalissa. Jinżamm kuntatt regolari.
- **Turkija** - M'hemmx pjanijiet ta' żjarat għalissa. Jinżamm kuntatt regolari.
- **Libya** - M'hemmx pjanijiet ta' żjarat għalissa. Jinżamm kuntatt regolari.

## *Attivitajiet Leġjunarji Marzu u April 2026*

**Marzu 2026**
Curiae jieħdu ħsieb jorganizzaw il-Funzjoni tal-Acies.

20 - 27 ta' Marzu - PPC f'Palermo

22 ta' Marzu
Acies għall-Praesidia li jaqgħu dirett taħt ir-Regia. Post: Il-Kappella tar-Regia 3.15 pm. Wara ssir Bibita.

30 ta' Marzu, it-Tnejn - Laqgħa tar-Regia

30 ta' Marzu , it-Tnejn - 09.00 am
31 ta' Marzu, it-Tlieta - 05.15 pm
Kuntatti ma' min iżur il-Wirja tal-Ġimgħa l-Kbira fl-Uffiċċju tar-Regia skont ir-roster.

**April 2026**
12 t' April, Il-Ħadd - Irtir ta' Ġurnata
Diskussjoni dwar ix-xenarji tal-Video tal-Leġjun.

It-Tnejn 27 ta' Apil - Laqgħa tar-Regia

**Acies mill-Curiae - 2026**

**Il-Ħamis 19 ta' Marzu**
Our Lady of Mount Carmel (bl-Ingliż)
Kappella tar-Regia, il-Belt, 10.30 am

**Il-Ħadd 22 ta' Marzu**
Curia Tama tad-Dinja
iż-Żejtun, Knisja Arċipretali, 3.30 pm
Kuntatt: Sr Pauline Mifsud. 7977 7733

Curia Omm Alla
Knisja Trinità, Marsa
Kuntatt: Br. David Pace Ross, 7943 2843

Regia ta' Malta
Kappella tar-Regia, il-Belt, 3.15 pm.

**Is-Sibt 28 ta' Marzu**
Curia Omm Ir-Ragħaj it-Tajjeb
Il-Mosta, Oratorju Qalb ta' Ġesù, 4.00 pm
Kuntatt: Br Salvu Grima, 7941 0142

# Programm Proviżorju tas-Sena - 2026
## Ħidma fix-xhur li ġejjin

**Mejju**
Il-Ġimgħa 1 ta' Mejju - Assemblea Nazzjonali Sorjiet tal-Karità, Tarxien
09.00 am - 12.30 pm

Il-Ġimgħa 8 ta' Mejju - Velja ta' Talb-Knisja San Franġisk, il-Belt, 6.00 - 9.00pm
15 - 17 ta' Mejju - Irtir, Tas-Silġ, M'Xlokk.
25 ta' Mejju - Laqgħa tar-Regia

**Ġunju**
**17 - 27 ta' Ġunju - Grupp 1 - Permanance**
18 - 19 ta' Ġunju - Street Contacts - S.Ġiljan
29 ta' Ġunju - Laqgħa tar-Regia (irid ikun ik-konfermat minħabba li Festa Pubblika)

**Lulju**
9 ta' Lulju - Summer Outing - Praesidia tar-Regia, Mellieħa
17 ta' Lulju - Laqgħa għad-Diretturi Spiritwali, Dar tal-Kleru
27 ta' Lulju - Laqgħa tar-Regia

**Awwissu**
17t' Awwissu - Manefestazzjoni Marjana, Bugibba
29 t'Awwissu - Laqgħa Annwali ma' Mons. Arċisqof - Quddiesa Katedral Mdina
31 t'Awwissu - Laqgħa tar-Regia

**Settembru**
September Functions mill-Praesida.

**Ottubru**
29 - 31 t'Ottubru - Irtir bil-Magħluq - Mount St Joseph

**Novembru**
Tifkira ta' Frank Duff - Laqgħa Annwali tal-PPC
6 - 8 ta' Novembru - Irtir bil-Magħluq - Manresa

**Diċembru**
December Function Regia, 5 ta' Diċembru

# Attivitajiet Leġjunarji - Rikordju bl-Istampi



**Xellug**: (Sr) Marion Higgins (xellug) qed tiġi ppresentata mill-Kummissarju Għoli Ingliz għax xogħol li għamlet mal-British Legion Malta fl-appell tal-vittmi tal-aħħar Gwerra Dinija, **Taħt:** Il-Leġjunarji tal-Prasidium Our Lady of Mount Carmel, qed jiffirħu flimkien fil-Festa ta' Sto. Nino fi Fleur de Lys.





**Xellug**: Irtir ta' ġurnata li sar nhar il-Ħadd 1 ta' Frar 2026 fid-dar tal-Irtiri Mount St Joseph. L-irtir ġie organizzat mill-Curiae'Omm Ir-Ragħaj it-Tajjeb' u Omm u Għalliema'. Anima l-irtir Fr Richard Ebejer, Salesjan, li tkellem fuq it-titli li natu lil Madonna.

**Irtiri bil-Magħluq 2026**

L-ewwel irtir tas-sena ser isir bejn il-15 u 17 ta' Mejju f'Tas-Silġ, M'Xlokk.
Kuntatt: Sr Marija Farrugia

Irtir Mount St Joseph
Bejn il-Ħamis 29 u s-Sibt 30 t' Ottubru
Kuntatt: Bro Joe Micallef

Il-Ġimgħa 6 sal-Ħadd 9 ta' Novembru
Manresa, Għawdex
Kuntatt: Sr Marija Farrugia

**Qawmien Ġdid?**
L-aħħar statistika ppublikata turi li l-popolazzjoni Kattolika globali laħqet madwar 1.406 biljun sa tmiem l-2023, u wriet żieda ta' 1.15% (madwar 16-il miljun) mill-2022, bl-aktar tkabbir mgħaġġel iseħħ fl-Afrika (+3.31%). L-Ameriki jibqgħu r-reġjun bl-ogħla konċentrazzjoni (47.8%), filwaqt li l-Brażil għandu l-akbar popolazzjoni nazzjonali b'182 miljun.

Mill-banda l-oħra,, il-Fides News Agency tirraporta li 7 missjunarji Kattoliċi nqatlu madwar id-dinja fis-sena 2025. 10 minn dawn mietu fl-Africa, ħamsa minnhom fin-Niġeria.

*Pubblikazzjoni:*
**Leġjun ta' Marija, Malta**
**275, Triq San Pawl,**
**Valletta VLT 1213**
**legjunmalta@gmail.com**
**Tel: 79008966**
**legionofmarymalta.org**

**Mill-Arkivji tal-Leġjun Preparazzjoni għall-PPC ..**







## In Memoriam



Kien nhar id- 19 ta' Ġunju 2026 meta **Carmel Gatt** mar jiltaqa' mal-Mul;ej. Carmel kien leġjunarju qalbieni u maħbub u dejjem puntwali. Kien wkoll teżorier tar-Regia.
Għatih O'Mulej il-Mistrieħ ta' Dejjem.



**Triq is-7**

Wara li r-Regia kienet ikkuntattjata minn membri li ħassewhom urtati b'din is-serje televisiva b'dan l-isem, ktibna lill-'producers', Take Two li bagħtulna din itt-tweġiba għall-informazzjoni tagħkom:

**Thank you for your message and for taking the time to share your observations regarding the series.**

**I would like to clarify that this production is a fictional film/ drama and not a documentary. As such, its purpose is artistic and narrative rather than to provide a precise or official representation of any organisation or its internal workings. Certain elements and references may therefore have been adapted or interpreted for dramatic purposes.**

**The information used was not provided by officials of the Legion of Mary, nor should it be considered an accurate or official portrayal of how the organisation operates.**

**We appreciate your feedback and understand the sensitivity of the subject. We remain respectful of the Legion of Mary.**





Waqt il-kuntatti li saru fl-Uffiċċju tar-Regia fil-ġranet tal-festa ta' San Pawl, bejn il-Ħadd 8 u t-Tlieta 10 ta' Frar 2026 Ittellgħet wkoll esibizzjoni ta' pitturi tal-artist Harry Alden, li għenet tattira aktar persuni iżuru l-Uffiċċju.

Sfortunatament talba
li għamilna lill-Kunsill Lokali tal-Belt biex din tingħata 'coverage', tal-anqas fil-Facebook Page tagħhom ma rriżultatx.

**Anthony Debono, Viċi President tar-Regia ta' Malta jistaqsi, 'Imma x'inhi l-verità?'**

Min-natura tiegħu il-bniedem dejjem ifittex u jimmedita fuq l-oriġini tiegħu; minn-fejn hu ġej; x ħa jsir minnu wara l-mewt. Dejjem jipprova jagħti sens għal ħajjtu mimli dubji dwar il-ġejjieni. Hemm ħajja wara l-mewt? Jekk hemm ħajja, fejn sa mmorru? Se niġu ġġustizjati jew kif qed jaħsbu ħafna, kulħadd għandu destinazjoni waħda.

Il-mistoqsija ta' Pilatu - "X'inhi l-verità?" - qatt ma ntemmet fl-istorja tal-bniedem. Illum, il-bniedem modern jgħix f'dinja fejn l-opinjonijiet spiss jiġu trattati bħala fatti. Is-sentimenti personali irawwmu "realtà" rranġata għal kull individwu. Imma l-fidi Nisranija tagħti risposta ċara u sorprendenti:

il-verità mhix biss kunċett li wieħed għandu jiddibatti, iżda Persuna li wieħed jiltaqa' miegħu.

Meta Ġesù jiddikjara, "Jien it-triq, il-verità, u l-ħajja," Juri xi ħaġa li ġġagħlna naħsbu u nirriflettu. Il-verità mhix astratta jew imbiegħda; Għandha wiċċ, vuċi, u qalb. Fi Kristu, Alla jurina x'inhu reali, fejn hu t- tajjeb, u x'iwassal għall-ħajja mimlija ferħ u hena. Minħabba li l-verità hija Persuna, hija ukoll relazjonali - tistiedinna biex nintelqu f'idejn il-Bniedem/Alla, insegwuH, u nitbidlu.

Il-libertà vera m'hix qegħeda fil-ħolqien tar-realtà tagħna stess, iżda fil-ħajja skont dak li ħalaqna.

Il-kultura tagħna spiss tissuġġerixxi li l-individwi jistgħu jivvintaw il-veritajiet tagħhom stess. Madankollu din it-triq tħalli ħafna nies bla ankra - konfużi dwar l-identità, l-iskop u d-direzzjoni morali. Id-duttrina Kattolika tirreżisti b'mod ħelu iżda b'saħħtu. Il-verità teżisti b'mod indipendenti mill-preferenzi tagħna. Huwa mnaqqax fil-ħolqien, rivelat fl-iskrittura, u protett mill-Knisja. Minflok ma tirrestrinġina, il-verità tipprovdi l-pedament li tippermettilna niffjorixxu. Mingħajr it-tagħlim nisrani il-libertà taqa' f'kaos b' kuxjenza mhux affidabbli.

Li ma ssegwix il-verità mhux-biss żball intellettwali—huwa katastrofiku spiritwalment.

Meta ninfirdu minn dak li hu reali, qalbna titfixkel u fl-aħħar tibbies. Nitilfu s-sens tad-direzzjoni u nibdew naċċettaw l-illużjonijiet bħala sostituti għat-tifsira tal-Verita'. Il-gideb iġib lir-ruħ skjava, persważa li l- ħajja komda hija l-għan tal-bniedem. L-ispirtu uman ma jistax jiffjorixxi fil-falzità; fid-dlam. Bħal ma pjanta ma tistax tgħix mingħajr id-dawl, il-ħajja interna tagħna ma tistax tgħix mingħajr il-verità. Li tinjora l-verità fl-aħħar mill-aħħar tħallina vojta, bla mistrieħ, u fraġli spiritwalment.

Li taċċetta l-verità tfisser li tħaddan lil Kristu, li Huwa l-verità u l-ħniena f'armonija perfetta.

Ġesu ma jiżvelax il-verità biex jikkundanna, imma biex ifejjaqna. Il-kliem tiegħu jdewwi il-feriti tagħna u bl-ikbar imħabba jfejjaqhom. Meta ngħixu b'kuraġġ u ngħixu fil-verità—niddefendu d-dinjità umana, nagħżlu dak li hu ġust fuq dak li hu faċli, niġu maħfura u b' hekk nirriflettu lil Kristu fid-dinja.

Pilatu staqsa mistoqsija profonda, iżda telaq qabel ma sema' t-tweġiba. Illum, aħna mistiedna nibqgħu biex nisimgħu u niltaqgħu mal-Verità li tinsab quddiemna. L-isfida vera mhix li niddeterminaw xinhi l-verità, imma li nħallu l-Verità tifforma l-ħajja kollha tagħna.

**Ħidma Leġjunarja mal-Baħrin**
**L-Appostolat tal-Baħar**
Bdiet il-ħidma fil-Malta Freeport. Kuntatt:
(Bro) John Francalanza
99873537

**Ħidma Leġjunarja fl-Isptarijiet**
**Sptar Monte Carmeli**
Isiru żjarat kull nhar ta' ġimgħa filgħodu.
Kuntatt: Kenneth Abela
79008966

**Ħidma Leġjunarja fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin**
Inbidel il-Kappillan tal-Ħabż. Qed isiru l-kuntatti biex jerġgħu jibdew dawn iż-żjarat.
Kuntatt: Kenneth Abela
79008966

**L-Intenzjonijiet ta' Talb tal-Papa** - afdati lid-Dinja Kollha bħala 'Network' ta' Talb. In-Netwerk Dinji tat-Talb tal-Papa jippreżenta t-tnax-il intenzjoni ta' talb li l-Missier Qaddis jafda lill-Knisja għas-sena 2026. Dawn l-intenzjonijiet ta' kull xahar iservu bħala boxxla biex jiggwidaw missjoni ta' kompassjoni għad-dinja, u jistiednu lill-fidili biex jimmobilizzaw fit-talb u s-servizz għall-isfidi l-kbar li qed tiffaċċja l-umanità u l-missjoni tal-Knisja.
Kull intenzjoni ta' talb hija r-riżultat ta' proċess sinodali ta' dixxerniment li fih tieħu sehem il-Knisja minn pajjiżi tad-dinja kollha. Fl-aħħar ta' dan il-proċess, il-Missier Qaddis, wara t-talb tiegħu stess, jagħżilhom u joffrihom lill-Knisja.

**MARZU** - ***Għad-diżarmament u l-paċi***
***Nitolbu biex il-pajjiżi jersqu tassew lejn id-diżarmament, l-aktar dak nukleari, u biex il-mexxejja tad-dinja jagħżlu t-triq tad-djalogu u tad-diplomazija flok dik tal-vjolenza.***

**APRIL** - ***Għas-saċerdoti fi kriżi***
***Nitolbu għas-saċerdoti li għaddejjin minn żmien ta' kriżi fil-vokazzjoni tagħhom biex isibu l-akkumpanjament li jkollhom bżonn u biex il-komunitajiet jifhmuhom u jitolbu għalihom.***

**Inżommu l-intenzjoni fit-talb personali tagħna u b'mod partikulari noffruha fir-reċita tar-Rużarju.**

**Ħsieb Spiritwali**
**Marzu 2026.**
**Dun Karm Gauci**
**Il-Patt:**
**Ħarsa lura u oħra 'l quddiem.**

Ġiżella u Ġużi kienu jiċċelebraw l-anniversarju taż-żwieġ tagħhom bil-kbir. Kienu jiġbru lin-neputijiet u jirrakkontawlhom kif iltaqgħu, l-ewwel imħabbiet tagħhom u minn kemm xorti għaddew flimkien. Kienu jispiċċaw b'quddiesa u ikla kompluta b'kollox.

Forsi ftit nirrejalizzaw li r-randan huwa mixja lejn il-patt li Alla għamel magħna fil-magħmudija tagħna. Huwa mixja lejn qalbna, diffiċli aktar minn pellegrinaġġ għarkubbtejk, biex, bl-għajnuna tal-Kelma, nerġgħu niskopru s-sejħa li saritilna u l-missjoni li rċevejna.
Kull meta niċċelebraw il-patt niftakru fl-imħabba konkreta li qatt ma naqsitna u niċċekkjaw il-koerenza tagħna biex ma jiġrilniex li, minħabba nuqqas ta' ġabra, ħajjitna tispiċċa zkuk u weraq mingħajr frott.

Imsieken dawk il-koppji li jħallu l-ġirja tal-ħajja, il-libertinaġġ u ċ-ċirkustanzi jnessuhom il-patt li għamlu bejniethom u m'Alla.

Naħseb li għal-leġjunarji, iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Acies għandu jkollha l-istess saħħa u sinifikat: ħarsa lura lejn il-barkiet li rċevejna u oħra 'l quddiem fil-fedelta' lejn Ommna Marija dejjem għassa għall-ħtiġijiet tal-bnedmin.

**Iddiskuti:**
1. Semmi esperjenza sabiħa li kellek fil-Leġjun ta' Marija.
2. L-Acies huwa ċelebrazzjoni tar-rabta tagħna ma' Marija imma wkoll ispirazzjoni għal titjib. Liema tibdil taħseb li għandek bżonn: fil-ħeġġa appostolika? fl-ubbidjenza? Fil-ġenerożita'? eċċ.
3. Donnu hemmm paralelliżmu bejn iċ-ċelebrazzjoni tal-patt f'kull quddiesa tal-Ħadd u ċ-ċelebrazzjoni ta' l-Acies f'kull laqgħa tal-praesidium.

**Ħsiieb Spiritwali**
**April**
**Fr. Jonathan Debattista**

Kemm ħa ndum nagħmel l-istess?

F'raħal żgħir kien hemm mara anzjana jisimha Marija. Kuljum Marija kienet tmur il-knisja biex tħares lejn il-kwadru tal-Vergni Marija u tgħid ftit kelmiet ta' talb. Iżda l-jiem kienu jgħaddu, u Marija bdiet tħoss li ma kienx hemm bidla fil-ħajja tagħha, li x-xewqat tagħha ma kinux jinkisbu, u l-istess rutina kienet iġġagħla tħoss bħallikieku tinsab f'ċirku magħluq.

"Għalfejn dejjem nagħmel l-istess?" staqsiet f'qalbha. "Għalfejn nitlob u nagħmel il-ġid jekk ma nħoss l-ebda tibdil?" Wieħed min-nies tal-knisja, raġel qaddis u għaref fil-ħsieb, ħares lejha b'għajnejn mimlija ħniena u qallha: "Marija, il-fjuri ma jikbrux f'ġurnata waħda.

Il-ħamrija u x-xita tal-lum jagħmlu l-għeruq b'saħħithom, u wara xi żmien tibda tara l-fjuri jikbru. Hekk ukoll fil-ħajja: l-imħabba u l-ġid li tagħmel illum jistgħu
ma jagħtux frott illum, imma qed jippreparaw il-qalb tiegħek u t'oħrajn għall-frott tal-futur."

Marija bdiet tifhem: il-prattika tagħha, it-talb tagħha, il-ġest żgħir ta' mħabba lejn ħaddieħor – dawn ma kinux ċikli bla tmiem u bla sens.

Kull azzjoni spiritwali kienet bħal siment fil-binja tal-ħajja: xi darba jidhru r-riżultati, xi darba jibqgħu moħbija iżda qawwija.
Minn dik il-ġurnata, Marija bdiet tmur il-knisja b'qalb aktar ħerqana, mhux għax kienet tistenna premju immedjat, imma għax kienet taf li kull xewqa, kull talba, kull ġest sabiħ għandu tifsira spiritwali, anke jekk ma jidhirx fil-ħin immedjat

Il-mistoqsija "Kemm ħa ndum nagħmel l- -istess?" mhix dwar rutina jew dwar xi ħaġa tedjanti, imma hija iktar mistoqsija dwar kemm qed nifhem iktar il-fidi u nikber fil-virtu' tal-paċenzja. Ħafna drabi, l-ġid li nagħmlu mal-oħrajn ma jidhirx

ill-ewwel, imma qed ikun qed għolli l-qalb u jġib il-frott f'ħin ideali.

Il-messaġġ huwa ċar: kompli għamel il-ġid, kompli itlob, kompli ħobb, anke meta ma tara xejn fil-bidu.

Il-vera qawwa tinsab fil-perseveranza u fil-fidi li tista' tibni fil-qalb tiegħek u f'dik ta' ħaddieħor.

**Riflessjoni**

Qed tħoss li qiegħed tirrepeti l-istess passi f'ħajtek?
Ħu mument u ares lura: kemm minn dawn il-"passi ripetuti" għandhom il-qawwa li jinfluwenzaw lil oħrajn?
Kemm minn dawn il-ħsibijiet u ġesti żgħar qed jibnu s-sħubija tiegħek ma' Alla u mal-ħajja tiegħek?

**Għad-Djarju - tad-Diretturi Spiritwali:**
Infakkru li l-Laqgħa li jmiss issir fis-17 ta' Lulju 2026. Din ser issir fid-Dar tal-Kleru.

**The Power of the Rosary - Various campaigns in history and their outcomes**

Fr. Peter Pavlicek, organized a Rosary crusade in Austria in 1948. Fr. Peter asked for a “tithe” of Rosaries; he asked that ten percent of all Austrians pledge to say the Rosary daily until the Soviets left the country. The people of Austria responded generously. They prayed for seven years, and then on May 13, Feast of Our Lady of Fatima, 1955, the Soviets mysteriously just packed up and peacefully left.

Brazil was spared a communist dictatorship in the 1960’s through a Rosary Campaign led by a Dona Amelia Basto. Something similar happened in Portugal in 1975.

On March 25, 1984, Pope John Paul II called for a Rosary crusade because of the grave danger to world peace at that time. In response to his request, a major “Rosaries for peace” crusade was launched by the Blue Army and other Marian organizations. There was a magnificent response. And on May 13, 1984, one of the largest crowds in Fatima’s history gathered at the shrine to pray the Rosary for peace. And that very day an explosion at the Soviets’ Severomorsk Naval Base destroyed two-thirds of all the missiles stockpiled for the Soviets’ Northern Fleet. Western military experts called it the worst naval disaster the Soviet Navy had suffered since WWII. Four years later during the night of May 12, 1988, as thousands prayed the Rosary at Fatima, there was another mysterious explosion This one wrecked the only factory that made the rocket motors for the Soviets’ deadly SS 24 long-range missiles, which carry ten nuclear bombs each.

Archbishop Fulton Sheen was once asked to describe the power of the rosary. “Describe the power of the rosary, there are just no words to describe the power of the rosary!” He went on to further state, “The trouble with the world today is that there are not enough rosaries being prayed!”

In 2004 A group of pro-life pregnancy centres in Austria were engaged in praying the Rosary for some years, both outside abortion centres and in front of the Blessed Sacrament. 3 abortion centres closed in Austria, one of which the pro-lifers then bought and used as a centre for post-abortion healing. When asked how these abortuaries had come to close the Director of the pro-life centres stated “By the power of the Rosary”.

There are many things which are powerful and necessary for us as Catholics, especially the Holy Mass, the Source and Summit of our faith. But the Rosary is a simple everyday meditation on the life of Our Lord, accompanying Our Lady, and we have been requested to say it by Our Lady repeatedly, and by many Popes. If there was ever a time to take up the Rosary with your whole heart it is now, as threats of abortion up to birth and euthanasia are so close to becoming law.

Clare McCullough, October 28, 2025 - Independent Catholic News.
(Adapted from a longer article)

**... u l-kontribut tal-Leġjun favur il-Ħajja ... ikkonkludejna mal-Life Network**

**Messaġġ mill-Life Network wara l-iffermar, il-Ħamis 29 ta’ Jannar 2026**

Yesterday I had the please to meet Mr. Kenneth Abela and Mr. Anthony Debono, to sign the agreement for the use of the premises of Legion of Mary in Hamrun to use as a foundation to support our mission with pregnant mothers in difficulty.

Following the signing of the agreement Anthony suggested a possible visit by some members of the Legion to our home in Mosta to better appreciate the work being done by our foundation and possibly take this opportunity to make a press statement of the event and announce this collaboration.

I will bring the original contract with me to the office on my first occasion. In the meantime I thank Anthony, Kenneth and all the members of the Legion that agreed to support our Foundation and its mission in this way.